MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-7 ta' Diċembru, 2006

Rikors Numru. 24/2006

**Ġuda Taddeus *sive* Teddy Rapa**

***Versus***

**Avukat Ġenerali**

F'din il-kawża r-rikorrent qiegħed jitlob rimedju għax igħid illi, meta, bis-saħħa ta' l-emenda magħmula bl-art. 7 ta' l-Att XXII ta' l-2005 fl-art. 520(1)(*a*) tal-Kodiċi Kriminali, saret korrezzjoni f'taħrika maħruġa kontra tiegħu quddiem qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali, inkiser il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq imħares taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ["il-Konvenzjoni"].
B'rikors kostituzzjonali ippreżentat fl-20 t'April 2006 ir-rikorrent fisser illi fis-7 ta' Lulju 2005 hu kien imħarrek quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, mixli illi ma qagħadx għal dak li trid

il-liġi u ntalab iħallas penali ta’ sebgħa u ħamsin elf u tliet mitt lira (Lm57,300) għal elfejn, mitejn u tnejn u disgħin (2,292) jum.

Wara li nġabru l-provi u saret it-trattazzjoni, u wara illi d-difiża qalet illi l-akkuża kif magħmula ma setgħetx tiġi milqugħa minħabba konflitt, il-prosekuzzjoni talbet korrezzjoni fl-att. Il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) – minkejja l-oppożizzjoni tad-difiża illi tiġi korretta, f’dak l-istadju tardiv tal-proċeduri, taħrika li tifforma l-bażi ta’ l-akkużi – wara li rat l-att XXII ta’ l-2005 dwar l-applikabilità ta’ l-art. 175 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għall-proċedura kriminali, u wara li iċċitat sentenza mogħtija fis-16 ta’Marzu 2006 mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija *versus* Iżabella Cilia**,** laqgħet it-talba u ordnat il-korrezzjoni.

Relevanti għall-każ tallum huwa l-art. 7 ta’ l-Att XXII ta’ l-2005:

**7.** Fil-paragrafu (*ċ*) tas-subartikoli (1) ta’ l-artikolu 520 tal-Kodiċi [Kriminali], minflok il-kliem “l-artikolu 205” għandhom jidħlu l-kliem “l-artikoli 175 u 205”.

Din l-emenda, igħid ir-rikorrent, tfisser prattikament illi d-difiża ma tista’ tqajjem l-ebda żball jew korrettezza fl-atti għax kollox sar “korreġġibbli”.

Barra minn hekk, ikompli jgħid ir-rikorrent, din l-emenda tiskoraġġixxi lil dak li jkun milli jqajjem żbalji f’dan l-istadju tal-proċeduri u jżommhom għall-istadju ta’ l-appell, jekk ikun il-każ. Ikompli jgħid:

Illi din l-emenda hija frott abbuż ta’ poter da parti tal-leġislatur li qed jagħti l-fakultà lil istituzzjoni imexxi [*sic*] minnu, il-Pulizija Eżekuttiva, tiġbor gieha u tikkoreġi kull żball li hija tagħmel. Dan fl-istess waqt jiżbilanċja dak komunement maghruf bhala l-*level playing field* bejn il-prosekuzzjoni u d-difiża.

Illi din l-emenda tkopri fil-prattika għal kull ineffiċjenza li jista’ jkollu l-leġislatur (kwa [*sic*] l-Gvern li jilleġisla [*sic*]) fl-istituzzjoni li huwa stess jaħtar u jmexxi (Il-Pulizija u l-Avukat Ġenerali) minkejja li hija branka suppost indipendenti mill-Gvern in vista tas-separazzjonijiet [*sic*] tal-poteri.

Illi din l-istess emenda tnaqqas is-saħħa ta’ preparazzjoni adegwata u di più obbligata fil-kazijiet odjerni u min-naħa l-oħra tfisser ukoll li, bħal fil-każ odjern ma tqajjimx żbalji

grossolani, kif *del resto* ġara u li għandek allura tqajjimhom biss fi stadju ta' l-appell;
… … …
Li emenda bħal din tagħti lok li l-prosekuzzjoni żżomm relazzjonijiet tajbin mal-Qorti, sabiex tigi attirata l-attenzjoni ta' l-istess dwar xi żball mingħajr ma jkun jaf ħadd u issir [*sic*] rikors għall-korrezzjoni, li bis-saħħa ta' din l-emenda tingħata dejjem. Din hija ħaġa li tistona u m'għandhiex tkun minħabba li l-Qorti hija *supra partes* u indipendenti, mhux qiegħda hemm sabiex tassigura sejbien ta' ħtija iżda sabiex tiddeċiedi jekk jirriżultax ħtija mill-provi prodotti skond l-akkuża li għandha quddiemha
Billi jidhirlu illi l-fatt illi l-leġislatur, "b'daqqa ta' pinna", kiseb illi l-prosekuzzjoni ma tħallas qatt għall-iżbalji tagħha, għax tista' titlob korrezzjoni f'kull waqt sakemm tingħata s-sentenza, jikser il-jedd għal smigħ xieraq u wkoll "jagħti lok għall-abbuż", ir-rikorrent jikkonkludi illi:
… … … l-emenda introdotta bis-saħħa ta' l-Att XXII, li permezz tagħha l-artikolu 175 ġie reż applikabbli għall-proċeduri kriminali, huwa inġust u jilledi, *per se*, id-dritt fondamentali ta' smigħ xieraq tiegħu kif stabbilit taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.
… … … huwa prinċipju stabbilit li d-dritt ta' smigħ xieraq ta' persuna ma għandhiex [*sic*] tiġi żvantaġġjata minħabba maniġġjar dirett jew indirett, volontarju jew involontarju tal-Leġislatur sabiex ikopri għall-ineffiċjenzi da parti ta' l-organi tiegħu stess.
Fl-aħħarnett jissottometti illi

1. huwa ma għandhux kontroll fuq x'emendi jista' jitlob [*sic*] il-Prosekuzzjoni wara li huma jkunu ikkonkludew il-każ taghhom, jippreġudikah u direttament jaffettwa l-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;
2. li l-fatt li l-prosekuzzjoni ingħatat din il-fakoltà korrettiva tnaqqas il-bilanċ *(level playing field)* li suppost jeżisiti fil-kawża u tista' tagħi lok għall-abbuż serju;
3. li din il-proċedura tivvjola d-dritt fondamentali tiegħu u senjatament dak tas-smigħ xieraq.

u jitlob illi din il-qorti:

1. tgħid illi bl-emenda magħmula bl-art. 7 ta' l-Att XXII ta' l-2005 fl-art. 520(1)(*a*) tal-Kodiċi Kriminali, inkiser il-

jedd tiegħu għal smigħ xieraq imħares taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni; u
2. tagħti l-ordinijiet, toħroġ l-atti u tagħti d-direttivi li tqis xierqa, u għalhekk tgħid illi 1-korrezzjoni mitluba mill-prosekuzzjoni wara li l-kawża kienet ġà ġiet trattata hija inammissibli.
L-Avukat Ġenerali wieġeb fid-19 ta' Mejju 2006 u qal illi l-emenda magħmula fil-Kodiċi Kriminali ma tiksirx il-jedd għal smigħ xieraq.
Essenzjalment, il-kwistjoni f'din il-kawża hija dwar jekk inkisirx il-jedd tar-rikorrent għal smigħ xieraq meta, għax kien ġie magħmul igħodd ukoll għal proċeduri kriminali l-art. 175 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, saret korrezzjoni fl-att li bih kien imħarrek quddiem qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali.
L-art. 175 fil-parti relevanti tiegħu jgħid hekk:
**175.** (1) Il-qorti tista', f'kull waqt tal-kawża, qabel is-sentenza, wara talba ta' waħda mill-partijiet, wara li tisma' meta jeħtieġ lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta' xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jiżdied jew jitneħħa l-isem ta' waħda mill-partijiet u jitqiegħed ieħor floku, jew billi jissewwa żball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull żball ieħor jew billi jiddaħħlu ħwejjeġ oħra ta' fatt jew ta' dritt ukoll permezz ta' nota separata, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża.
Li ġara hu illi b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fid-19 ta' Novembru 1997, imwettqa mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-26 ta' Ġunju 1998, ir-rikorrent kien instab ħati li għamel xogħol ta' bini bla permess u ordnat iwaqqa' dak il-bini fi żmien tliet xhur taħt penali ta' ħamsa u għoxrin lira (Lm25) kuljum. Minkejja s-sentenza r-rikorrent ma waqqax il-bini u għalhekk reġa' ġie mixli quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li ma mexiex kif trid il-liġi u ntalab il-ħlas ta' penali ta' sebgħa u ħamsin elf u tliet mitt lira (Lm57,300) għal elfejn, mitejn u tnejn u disgħin (2,292) jum mis-26 t'Ottubru 1998.
Ġara illi fit-taħrika l-penali kienet imfissra hekk: "ħamsa u sebgħin elf u tlett [*sic*] mija lira Maltin (Lm57,300)" – iċ-ċifra fi kliem u l-figuri ma kinux jaqblu.

Wara li nstemgħu x-xhieda, ġew prodotti dokument u kopji ta’ atti ġudizzjarji u saret trattazzjoni, fis-seduta tat-23 ta’ Marzu 2006 il-prosekuzzjoni talbet korrezzjoni fl-akkuża billi l-kliem “ħamsa u sebgħin” jiġi “sebgħa u ħamsin”. Id-difiża opponiet għat-talba iżda l-qorti, wara li rat l-art. 175 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u rat ukoll illi dak l-artikolu jgħodd ukoll għall-proċeduri quddiem qorti ta’ ġurisdizzjoni kriminali, laqgħet it-talba, ordnat illi ssir il-korrezzjoni u illi titkompla l-kawża, u iddifferiet il-kawża għas-sentenza.

Ir-rikorrent issa qiegħed igħid illi b’din il-korrezzjoni nkiser il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq.

Ir-rikors kostituzzjonali tallum huwa mibni fuq l-illużjoni illi l-jedd għal smigħ xieraq, imħares taħt il-Kostituzzjoni u taħt il-Konvenzjoni, mogħti li min hu mixli bi ksur tal-liġi penali huwa prattikament ekwivalenti għall-jedd illi, b’xi mod jew b’ieħor, tajjeb jew ħażin, għal raġuni tajba u serja jew frivola u banali, jinħeles mill-akkużi miġjuba kontrieh. Ir-rikorrent illum qiegħed jippretendi illi, ħati kemm hu ħati, jekk sar żball mill-prosekuzzjoni dan jagħtih immunità u għandu jinħeles, u l-ksur tal-liġi jibqa’ bla konsegwenzi.

Huma atteġġjamenti bħal dawn illi l-liġi jagħmluha artifiċjali, bħallikieku kienet xi logħba li tirbaħha għax il-parti l-oħra għamlet *punto* fejn kellha tagħmel *virgola*. Il-verità hi li dak li trid il-liġi hu illi l-proċess kriminali jsir bil-garanziji kollha li taħseb għalihom il-proċedura biex ma jinsabx ħati min hu innoċenti u – mhux anqas importanti – biex ma jinħelisx min hu ħati. Żbalji li ma jippreġudikawx parti jew oħra ma għandhomx jitħallew ifixklu dan il-għan ewlieni tal-liġi proċedurali penali.

Il-mistoqsjia li rridu nistaqsu fil-każ tallum hija din: il-korrezzjoni li saret, u l-waqt li fih saret, jistgħu jippreġudikaw il-pożizzjoni tar-rikorrent, b’mod illi jesponuh għall-perikolu li jinstab ħati għalkemm mhuwiex?

Huwa ċar illi l-korrezzjoni ma bidlet xejn mis-sustanza ta’ l-akkuża u mill-fatti li kellhom jiġu provati – bil-korrezzjoni ma saritx meħtieġa li, għad-difiża, tinġieb xi prova ġdida illi l-akkużat ma tħalliex iressaq. Ukoll, l-iżball ma kienx wieħed illi lill-akkużat seta’ jfixklu jew jiżgwidah, għax ukoll mad-daqqa t’għajn, jekk tqabbel iċ-ċifra fi kliem mal-figuri, kien jidher illi kien hemm żball – ma kien hemm ebda sorpriża. Barra minn hekk, jekk lill-akkużat deherlu li,

minħabba l-korrezzjoni, kien jeħtieġlu jkompli jagħmel xi sottomissjonijiet ġodda, kellu kull opportunità li jagħmilhom għax is-sentenza ma ngħatatx minnufih wara l-korrezzjoni iżda ngħata differiment mit-23 ta' Marzu 2006 sal-21 t'April 2006 sabiex ingħatat is-sentenza.

Lanqas ma jista' jingħad li l-liġi tagħti xi vantaġġ lill-prosekuzzjoni li ma ngħatax lid-difiża, biex hekk ma tinżammx dik li r-rikorrent sejħilha *a level playing field*, għax il-fakoltà li tintalab korrezzjoni ngħatat kemm lil parti kif ukoll lill-oħra. L-argument tar-rikorrent illi għax il-leġislatur għadda liġi li tagħti setgħat lil xi fergħa oħra ta' l-istat – bħallikieku mhux is-setgħat pubbliċi kollha fi stat ta' dritt huma ġejjin minn liġi mgħoddija mil-leġislatur! – ittiefset l-indipendenza ta' l-organi ta' l-istat, u l-argument illi s-setgħa ta' qorti illi tordna korrezzjoni ta' żball ġenwin hija forma ta' "maniġġjar dirett jew indirett, volontarju jew involontarju tal-Leġislatur sabiex ikopri għall-inefficjenzi da parti ta' l-organi tiegħu stess", kif igħid ir-rikorrent, huma argumenti hekk frivoli illi la hu meħtieġ u lanqas ma huwa xieraq illi jinħela ħin fuqhom. Il-każ tallum ma għandu x'jaqsam xejn mal-każ ta' *Stran Greek Refineries* u Stratis Andreadis kontra l-Greċja[1] imsemmi fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tar-rikorrent; dak kien każ ta' leġislazzjoni *ad hominem* maħsuba biex l-istat jikseb vantaġġ f'kawża li kienet qiegħda tinstema' meta għaddiet il-liġi, u mhux dispożizzjoni ġenerika illi lill-qorti tagħtiha s-setgħa – u mhux torbtilha jdejha – li tippermetti l-korrezzjoni ta' żball meta ssirilha talba għalhekk minn parti waħda jew oħra.

Għal dawn ir-raġunijiet, billi l-qorti hija tal-fehma illi ma nkiser ebda jedd tar-rikorrent għal smigħ xieraq imħares taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni, tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent, tgħid, għall-għanijiet ta' l-art. 46(5) tal-Kostituzzjoni u l-art. 4(5) ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea [Kap. 319], illi t-talbiet tar-rikorrent huma sempliċement frivoli u vessatorji, u tikkundanna lir-rikorrent iħallas l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.

[1] Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, 9 ta' Diċembru 1994, nru 22/1993/417/496.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------